Kunsill Reġjonali Lvant

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 3

L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

L-Erbgħa 23 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Graziella Attard Previ – Sindku tas-Sliema
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Dott. Dorian Sciberras – Sindku Iklin
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira (onlajn)
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi (onlajn)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija

ASSENTI

Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

### 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

3.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, sabiex jinfurmana li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra.

3.1.2 Il-President informa wkoll li s-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, kif ukoll il-Viċi Sindku, is-Sa. Maryanne Abela, kienu ser ikun preżenti għal din il-laqgħa b'mod virwali.

3.1.3 Il-President, bi pjaċir, ta merħba lis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, wara li kien nieqes mill-laqgħat tar-Reġjun wara li kellu aċċident tat-traffiku.

### 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 1 li saret nhar il-Ġimgħa 14 ta' Jannar 2022 u minuti tas-seduta numru 2 li nżammet fl-istess ġurnata, kienu meħuda bħala moqrija.

3.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

3.2.3 Il-membri preżenti approvaw dan it-tibdil.

### 3.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħat ta' Introduzzjoni*

3.3.1 Il-President irringrazzja lil dawk il-Kunsilli Lokali li laqgħu t-talba tiegħu sabiex tinżamm laqgħa ta' introduzzjoni.

### 3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

3.4.1 Il-President informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda komunikazzjoni mill-membri sabiex tiġi mressqa f'din il-laqgħa.

### 3.5 Rapporti

3.5.1 Il-President informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda rapport x'jiġi ppreżentat għal din il-laqgħa.

## 3.6 Preżentazzjoni mill-Uffiċjali Reġjonali

3.6.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, introduċa lit-tliet Uffiċjali Reġjonali li ġew ingaġġati ma' dan ir-Reġjun matul ix-xhur li għaddew. Hu spjega kif dawn it-tliet uffiċjali kienu preżenti sabiex jgħatu preżentazzjoni qasira bħala introduzzjoni dwar l-irwol tagħhom.

3.6.2 Is-Sur Chircop informa lill-membri li peress li dawn l-uffiċjali diġa għandhom xi proposti ta' proġetti li jistgħu jsiru mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun, kien hemm qbil sabiex għal dan il-għan jinżamm seminar sabiex iservi ta'opporunità biex dawn il-proposti jiġu mressqa f'aktar dettal u mhux waqt laqgħa ta' Kunsill Reġjonali peress li l-aġenda tkun diġa mimlija.

3.6.3 Fuq qbil tal-membri preżenti, dan is-seminar ser jinżamm nhar is-Sibt 9 ta' April 2022, mid-9 ta' filgħodu sal-11 ta' filgħodu. Dan ser ikun miftuħ għas-Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant.

3.6.4 Is-Sur Anthony Chircop stieden lill-uffiċjali Reġjonali sabiex jgħatu l-preżentazzjoni tagħhom u informa lill-membri sabiex iressqu d-domandi tagħhom wara li tiġi klonkluża l-preżentazzjoni.

3.6.5 Wara li ntagħtat din il-preżentazzjoni, uħud mill-membri ressqu d-domandi tagħhom lil dawn l-Uffiċjali.

3.6.6 Il-President irringrazzja lill-Uffiċjali tal-preżentazzjoni u talab il-membri jressqu d-domandi tagħhom fis-seminar li ser jinżamm sabiex ikun hemm diskussjoni aħjar fuq dak li jkun ġie mressaq peress li kien hemm ħafna x'jiġi diskuss waqt il-laqgħa tal-llum.

3.6.7 Il-membri qablu ma dak li ssuġġerixxa l-President u selmu lill-Uffiċjali.

3.6.8 ***6:05pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, wasal għal din il-laqgħa.***

## 3.7 L-Uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali Lvant

3.7.1 Il-President spjega kif, fil-preżent, l-uffiċċini ta' dan ir-Reġjun huma f'San Ġwann, lokalità li m'għadiex parti minn dan ir-Reġjun. Madanakollu, hu spjega kif apparti minn dan, il-problema hija n-nuqqas ta' spazzju u kumdità li l-uffiċini joffru.

3.7.2 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif il-ħsieb huwa li, minn ta' l-inqas, għandhom jiżdiedu tliet uffiċjali oħra. Apparti li s-sular ta' isfel għadu okkupat mill-impjegati tat-Tribunal Lokali u m'għadx baqa l-*boardroom* peress li fil-preżent qed takkomoda lill-uffiċjali ġodda. Hu qal ukoll kif infurmat li fi żmien ir-Reġjun Ċentru kien hemm il-ħsieb li dawn l-uffiċini jistgħu jkunu fl-Iklin u għal din ir-raġuni talab lis-Sindku sabiex jgħati spjegazzjoni aħjar b'mod speċjali għal dawn il-lokalitajiet li ngħaqdu minn Jannar li għadda.

3.7.3 Is-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, spjega fejn qedha l-art abbandunata li fil-preżent hija mmarkata 'green area'. Dott Sciberras spjega kif, fil-preżent, il-pjazza tar-raħal hija *development zone*. Għal din ir-raġuni kienet saret laqgħa ma' Awtorità tal-Ippjanar fejn kien hemm qbil sabiex il-pjazza ta' l-Iklin tiġi *shifted* ma' l-art immarkata 'green area' bil-kundizzjoni li din l-għalqa abbandunata tkun imdawra b'ġnien pubbliku. Hu spjega wkoll li diġa għandhom pjan tal-pjazza lesta mill-Perit tal-Kunsill Lokali u dawn għandhom jiġu ppreżentati waqt konsultazzjoni pubblika mar-residenti wara l-elezzjoni Ġenerali.

3.7.4 Dott. Sciberras qal ukoll kif din l-art tappartjeni lill-Awtorità ta' l-Artijiet u l-Kunsill Lokali kien ġie mgħaraf b'din il-propjeta mingħandhom sabiex jsir dan l-iżvilupp.

3.7.5 Il-President staqsa lill-membri sabiex jara jekk wasalx iż-żmien li tinħareġ espressjoni ta' interess minħabba li n-neċċessita li jinsab post hija waħda kbira u permezz ta' dan r-Reġjun ikun jistà jara x'hemm disponibbli f'qasir żmien.

3.8.6 Il-President spjega wkoll kif, jekk għandha ssir ċaqlieqa, għandha ssir b'sens, b'mod speċjali peress li jidher li r-responsabiltà tat-Tribunal Lokali ser tibqà marbuta mar-Reġjun. għalkemm l-ispejjeż qed jiġu rifonduti mill-LESA, l-ispazzju għandu jiġu provdut mir-Reġjun. hu spjega kif dan ifissir li din iċ-ċaqlieqa trid tkun għal kollox sabiex kollox ikun miġbur kollox flimkien.

3.8.7 Il-President informa lill-membri sabiex nikkonsultaw ma' xi ħadd tekniku u noħorġu espressjoni ta' interess sabiex isservi għal gwida u tiġi diskussa waqt laqgħa tal-Kunsill Reġjonali.

3.8.8 Il-President semma wkoll l-użu tal-ġnien li jinsab l-uffiċċju tar-Reġjun u li dan jistà jiġi utulizzata bili parti minnha tiġi msaqfa b'mod temporanja. Għal din ir-raġuni hu spjega kif sar eżerċizzju sabiex wieħed ikun jistà jara x'hemm.

3.8.9 Il-Presdient spjega li s'issa nġabret proposta fejn tiġi mixtrija tinda u tkun tistà terġa tinbiegħ lura wara li jiġi mnaqqas id-*depreciation value*, kif ukoll proposta oħra sabiex tiġi mikrija.

3.8.10 Tqajment diskussjoni bejn il-membri preżenti dwar dan u din tistà tiġi kkunsidrata wara li niġbru aktar kwotazzjonijiet.

3.8.11 Il-President żied jgħid ukoll kif ġejna avviċinati minn sid il-post li fil-preżent qed jinkera l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun fejn talab sabiex il-kontijiet jibdew ikunu pagabbli lill-mara tiegħu.

3.8.12 Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex tintalab kopja tal-kuntratt ta' l-akkwist sabiex ir-Reġjun ikun jistà jipproċedi.

## 3.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***L-emblema Ġdida tar-Reġjun***

3.8.1 Il-President spjega kif il-bord kompost mis-Sur Max Zammit, Conrad Borg Manche, Clayton Luke Mula, flimkien miegħu bħala President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun iltaqgħu fil-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex nhar it-Tnejn 7 ta' Frar 2022 flimkien mas-Sur Andrea Sacco Baldacchino.

3.8.2 Il-President qal ukoll kif dan il-bord reġa ltaqa nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2022 sabiex jikkonkludi l-aħħar diżinji u għal din ir-raġuni nforma lill-membri li kopja tal-proposta b'erbgħa għażliet.

3.8.3 Is-Sur Chircop talab lill-membri sabiex jaraw il-proposta mressqa sabiex illum jiġi magħżul.

3.8.4 Fuq qbil unanimu mill-membri preżenti ġie deċiż l-ewwel diżinn li kien fil-proposta.

- ***Allokazzjoni Finanzjarja***

3.8.5 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri preżenti li dan ir-Reġjun kien irċieva l-ewwel *tranche* ta' l-allokazzjoni finanzjarja bl-ammont ta' €145,883.

- *A.E.D.'s*

3.8.6 Il-President informa lill-membri dwar is-sejħa pubblika li ħarġet l-AKL kienet ħarġet f'isem ir-Reġjuni. Il-Kunsill Reġjonali Ċentru kien informa lill-AKL li ma kienx ser jipparteċipa f'din is-sejħa ta' offerti minħabba li r-Reġjun kien diġa ser għamel ordni fuq bażi Reġjonali f'isem kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun. Madanakollu l-AKL bi żball pproċediet bis-sejħa għal dan ir-Reġjun. Is-Sur Fava qed jitlob lir-Reġjun jekk hux lest li jerġa jixtri dawn il-magni. Madanakollu fil-preżent il-proċedura fit-tender kellha tiġi mwaqfa minħabba li kien hemm appell.

3.8.7 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa. Margaret Baldacchino Cefai, staqsiet kemm tiġi l-ispiża lir-Reġjun.

3.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li jekk dawn l-inxtraw, l-ispiża ser tkun ta' €25,740.

3.8.9 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *Kuntratt tad-Data Protection Officer (DPO)*

3.8.10 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun għandu kuntratt ta' sena u jgħalaq fl-aħħar ta' Mejju 2022 u għal din ir-raġuni dan ir-Reġjun bagħat emejl lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu sabiex naraw il-pożizzjoni ta' kull Kunsill Lokali.

3.8.11 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex l-informazzjoni terġa tintalab mill-Kunsilli Lokali peress li ħafna mit-tweġibiet kienu ibbażati jekk il-ħlas għal dan il-kuntratt hux ser ikun assorbit kollu mir-Reġjun.

- *Kuntratt ta' l-iStreet Lightening*

3.8.12 B'referenza għal dan il-kuntratt is-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun bagħat email lil kull Kunsill Lokali fi ħdanu sabiex inkunu nafu aktar informazzjoni dwar dan.

3.8.13 Is-Sur Chircop spjega kif fl-aħħar laqgħa ta' l-AKL ġew infurmati li qed isiru taħdiet u jidhru fuq livell avvanzat li l-enemalta tieħu r-repsonsabilità li jibdlu l-bozzez kollha għal LEDs. Is-Sur Chircop qal li dan huwa bżonjuz pero ma hemmx garanzija meta dan il-proġett ser jinbeda u jiġi konkluż.

3.8.14 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex is-Segretarju Eżekuttiv terġa tibgħat tistaqsi lill-Kunsilli Lokali u dan is-suġġett jerġa jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

- *Jesuit Refugee Service (Malta)*

3.8.15 Il-President informa lill-membri dwar laqgħa li nżammet fis-sala tal-Kunsill ta' l-Imsida nhar il-Ħamis 3 ta' Frar 2022 u ta' dan is-Sur Chircop irringrazzja lill-Kunsill Lokali talli ospita lin-nies preżenti għal din il-laqgħa.

3.8.16 Is-Sur Chircop qal kif għal din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sa Margaret Baldacchino Cefai, is-Sur Alex Zammit Calleja, is-Sur Omar Elaref Arab, flimkien miegħu, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, u l-Uffiċjual Kulturali tar-Reġjun.

3.8.17 Is-Sur Chircop spjega kif kull min kien preżenti setgħa jgħin fir-riċerka li qed issir mal-Kunsilli Lokali, Regjuni u entitajiet oħra sabiex 'il quddiem ikunu jistgħu jsiru proġetti.

- *Aġġornament dwar l-Emblema l-ġdida tar-Reġjun*

3.8.18 Il-President informa lill-membri preżenti kif il-bord kompost mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, is-Sindku tal-gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, flimkien miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, iltaqgħu fil-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex nhar it-Tnejn 7 ta' Frar 2022 flimkien mas-Sur Andrea Sacco Baldacchino.

3.8.19 Il-President spjega kif wara li tressqu l-ideat mill-bord, il-membri tal-bord reġa ltaqa nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2022 sabiex jikkonkludi l-aħħar diżinji. Għal din ir-raġuni, il-President informa

3.8.20 ***19:11pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, kif ukoll is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa. Helen Gauci, skużaw ruħhom mill-laqgħa peress li kellhom mpenn ieħor.***

- *Aġġornament fuq l-Uffiċjali Reġjonali*

3.8.21 Il-President spjega kif meta intalab aġġornament dwar dawn l-Uffiċjali, is-Sur Simon Agius informal il dan ir-Reġjun li l-applikazzjonijiet kienu ġew ipproċessata mill-membri tal-board, u l-iscreening committee ser tgħamel l-intervisti biex il-lista bil-kandidati tintbagħat lill-Kunsilli Reġjonali sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar 2022.

3.8.22 Is-Sur Chircop żied jgħid kif nhar il-Ġimgħa 18 ta' Frar 2022 dan ir-Reġjun ġie nfurmat mis-Sur Agius li għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Reġjonali tal-IT kien hemm applikant wieħed biss u li jixtieq ikun fil-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex.

3.8.23 Aġġornament dwar dan jingħata 'l quddiem.

- *Ħaddiema Klerikali*

3.8.24 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 3 ta' Frar 2022, is-Segretarju Eżekuttiv irċeviet ittra mingħand impjegata klerikali li tagħmel xogħol relatat mat-Tribunal Lokali sabiex tesprimi x-xewqa tagħha li tnaqqas is-siegħat ta' xogħol u taqleb fuq bażi *part time*.

3.8.25 Is-Sur Chircop spjega kif, għal din ir-raġuni, hemm bżonn b'mod immedjat li jkun hemm sejħa sabiex tiġi mpjegata persuna oħra fuq *part time* u Skala 15.

3.8.26 Il-membri preżenti qablu dwar dan b'mod unanimu.

- *Deċiżjoni mingħand il-LESA*

3.8.27 B'referenza għall-applikazzjoni li r-Reġjun preċedenti kien issottometta sabiex issir 'Mobile Library' Reġjonali, l-President informa lill-membri kif is-Sur Svetlick Flores informa lil dan ir-Reġjun li din l-applikazzjoni ma kienitx ġietx aċċettata.

- *Aġġornament fuq il-proġett 'Art 4 all'*

3.8.28 B'referenza għal dan il-proġett is-Sur Chircop spjega kif ġew iffinalizzati l-*welcome packs* li ser jiġu provduta b'xejn mingħand il-Vee Gee Bee (valur ta' €360). Madanakollu huwa spjega kif kull student għandu jiġi provdut b'*sketchbook*. Il-Vee Gee Bee tawna prezz specjali ta' €182 flok €202. Hu spjega kif kull student ser jingħata wkoll flixkun ta' ilma fejn skond kwotazzjoni mressaqa, l-ammont għal 2 flixkun jiswa €149.52 (vat excl.).

3.8.29 Il-membri qablu dwar dawn il-kwotazzjonijiet provduta.

- *Proġett - Kisbiet Minsija*

3.8.30 B'referenza għal dan il-proġett, il-President informa lill-membri li l-preparamenti sabiex jittella dan il-proġett kien komplut u għal din ir-raġuni l-artisti wara dan il-proġett ippreżentaw it-tieni proposta sabiex jitwettaq il-parti teatrali.

3.8.31 Is-Sur Chircop spjega l-idea kif ukoll l-ħlasijiet relatati sabiex din il-*play* qasira tkun tistà tittella f'djar ta' l-anzjani li jinsabu fi ħdan ir-Reġjun.

3.8.32 Kien hemm qbil bejn il-membri preżenti fuq it-tieni proposta ppreżentata u aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Ċir AKL 2022/014 – Fire Warden Training*

3.8.33 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, dan ir-Reġjun bagħat lis-Sa Valentina Farrugia kif ukoll lis-Sa Antonella Baldacchino sabiex jkunu jistgħu jattendu f'isem il-Kunsill Reġjonali Lvant.

3.8.34 Is-Sur Chircop issuġġerixxa sabiex ir-Reġjun jofri li jirrifondi lura l-ħlas għat-tieni persuna magħżula minn kull Kunsill Lokali.

3.8.35 Il-membri preżenti qablu dwar dan b'mod unanimu.

- *Ċir AKL2022/013 – First Aid & AED Courses*

3.8.36 B'referenza għal din iċ-ċirkulari, dan ir-Reġjun kien ser jipproponi sabiex dawn iż-żewġ korsijiet isiru mir-Reġjun pero l-AKL leħqet ħadet din l-inizjattiva u jkun jgħamel aktar sens li nibnu fuq dak li diġa għamlu l-AKL u r-Reġjun jirrifonduti lura l-ħlas għat-tieni persuna minn kull Kunsill Lokali

- *Espressjoni ta' Interess Għal Servizz Professjonali ta' Servizzi Legali għall-Kunsill Reġjonali Lvant*

3.8.37 Il-President qal kif fil-laqgħa preċedenti kien informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien ser jiġbor kwotazzjonijiet sabiex ir-Reġjun ikollu dan is-servizz għal perjodu ta' sena.

3.8.38 Is-Sur Chircop spjega kif għalkemm intbagħtu talba lil ħames kumpaniji, żewġ kumpaniji biss ssottomettew l-interess tagħhom filwaqt li kumpanija oħra infurmat li ma xtaqitx tissottometti kwotazzjoni.

3.8.39 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex is-servizz jingħata mingħand l-orħos kwotazzjoni prvoduta mingħand Mifsud and Mifsud Advocates.

- *Servizz tas-Sigurtà fit-Tribunal Lokali*

3.9.40 Il-President spjega kif fil-bidu tax-xahar ta' Frar 2022 dan ir-Reġjun irrealiżża li l-ammont totali għal dan is-servizz kien wasal viċin l-ammont ta' €5,000 (VAT eskluża) u għal din ir-raġuni dan s-servizz kellu jiġi fi tmiemu nhar it-Tlieta 8 ta' Frar 2022 u kellhom jinġabru tliet kwotazzjonijiet.

3.8.41 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet u spjega li dan is-servizz beda jingħata mid-9 ta' Frar 2022, fejn intagħżlet l-orħos kwotazzjoni provduta minn Kerber Sercurity Ltd.

3.8.42 Il-membri qablu dwar dan.

- *Servizz ta' Fumigar*

3.8.43 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jiġi provdut dan is-servizz kemm fl-uffiċċju amministrattiv kif ukoll fit-Tribunal Lokali wara li l-kumpanija li kienet qed tagħti dan is-servizz nfurmatna li r-rata li kienet qed titħallas għoliet.

3.8.44 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni mressqa.

- *Tindif fl-Uffiċċju*

3.8.45 In-nies fl-uffiċċju tar-Reġjun żdied u l-ħmieġ żdied ukoll. Għal din ir-raġuni qed jiġu ppreżentati 3 kwotazzjonijiet sabiex inġibu kumpanija biex tagħmel aktar tindif **(kwotazzjonijiet annessa).** Fuq l-approvazzjoni tal-membri, ser nippruvaw l-orħos kumpanija, Clentec, biex naraw is-servizz hux wieħed sodisfaċenti.

- *VR Tours – Hosting Fee*

3.8.46 Il-President informa lill-membri li dan ir-Reġjun ġie avviċinat mis-Sur Ronald Balzan (Spinning Photos) dwar il-*Hosting Fee* ta' €30 li trid tiġi mħalsa kull sena għal kull VR Tour li kienet saret.

3.8.47 Is-Sur Chircop qal kif is-Sur Balzan infurmana li meta hu bagħat il-fattura għal dan il-ħlas lill-Kunsilli Lokali, kien hemm min ħallas u min le. Għal din ir-raġuni, sabiex dawn ma jiġux mitlufa, f'din il-laqgħa ġie propost sabiex dan il-ħlas isir mir-Reġjun. Dawk li diġa tħalsu mill-Kunsill għandhom jiġu rifonduti mir-Reġjun u l-kumplament għandhom jitħalsu.

- *Il-Programm tas-SAGE*

3.8.48 Il-President informa lill-membri li l-programm li qed jiġi wżat fil-preżent m'għadux kompatibli mal-*Windows upgrade* u għal din ir-raġuni nġabru tliet kwotazzjonijiet.

3.8.49 Is-Sur Chircop qal kif kif parir mill-Accountant, is-Sa Romina Perici Ferrante, irrakomdandat li r-Reġjun għandu jgħażel il-kwotazzjoni provduta minn Progressive Information Systems għal verżjoni V28 mingħajr is-*subscription fee*.

3.8.50 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

- *Kameras tas-CCTV*

3.8.51 Il-President informa kif fl-uffiċċju amministrattiv inqataw żewġ kameras u minn inspezzjoni li saret jidher li n-network cables li għaddejjin fuq barra qed jinqasam kollha u għal din ir-raġuni mhux qed ikun hemm *connection*.

3.8.52 Is-Sur Chircop spjega kif l-ispiża biex jinbidel il-*wiring* kollu titla għal €2,003.05 u apparti minn hekk għandhom bżonn jinxtraw żewġ kameras oħra minħabba li t-tnejn li hemm fil-preżent m'għadhomx jaħdmu u ma jistgħux jitranġaw. Dawn iż-żewġ kameras jiswew €239.54.

3.8.53 Il-membri preżenti approvaw dawn il-kwotazzjonijiet b'mod unanimu.

- *Kwotazzjonijiet għal Punch Clock*

3.8.54 Il-President spjega kif bl-ammont konsiderevoli ta' impjegati li qedin fi ħdan ir-Reġjun, inħass il-ħtieġa li jiġi introdott *punch clock* u għal din ir-raġuni qed jiġu ppreżentati kwotazzjonijiet sabiex jiġi nstallat.

3.8.55 Il-membri preżenti qablu li għandha tintagħżel l-orħos kwotazzjoni.

- *Fondi mill-Awtorità ta' l-Ippjanar*

3.8.56 B'referenza għal dawn il-fondi, is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-membri sabiex tkun tistà titlob lil Perit Frans Mallia sabiex jipprovdilna l-lista bl-ammonti dovuti lil kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

3.8.57 Il-membri preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

- *Applikazzjonijiet mill-Kunsilli Lokali – Fondi tal-PA*

3.8.58 Il-President irrefera għall-kuntratti li kienu ġew ippreparati mingħand l-avukat, Dott. Sladden, u spjega kif kopja tal-kuntratti mressaqa fil-laqgħa preċedenti kienu ġew preżentati lill-Kunsilli Lokali rispettivi sabiex jiddiskutuha bħala Kunsill u wara jipprovdu *feedback* biex tiġi ppreżentata f'din il-laqgħa.

3.8.59 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nfurmana li l-Kunsill ma qabilx dwar il-il-proġett mal-Kulleġġ ta' San Alwiġi f'Birkirkara u li din għandha tinżamm *on hold*.

3.8.60 Il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nfurmana li l-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għad-dwal mal-faċċata tal-Knisja ta' Santa Liena għandha tipproċedi.

3.8.61 Il-Kunsill Lokali ta' tas-Sliema infurmana li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex isir il-proġett impressaq mis-Sliema Pitch u għal din ir-raġuni l-Kunsill Reġjonali ser jinforma lill-klabb dwar dan sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt.

3.8.62 ***19:40pm – is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba mpenn ieħor.***

- Applikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara

3.8.63 Il-President ressaq fuq il-mejda din l-applikazzjoni sabiex issir *Stazzjoni Innovation Centre* fil-ġnien ta' l-istazzjoni ġewwa Birkirkara.

3.8.64 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill Lokali jgħati indikazzjoni ta' l-ispiża involute kif ukoll jekk ir-Reġjun jkunx jistà jgħamel użu mis-sala li ser tkun f'din il-binja.

3.8.65 Peress li din l-informazzjoni għadha ma waslitx għand ir-Reġjun, din it-talba qed tiġi posposta għall-laqgħa oħra sabiex din l-informazzjoni tkun provduta u r-Reġjun ikun f'pożizzjoni aħjar.

- *Cultural Heritage Schemes*

3.8.66 Il-President għamel referenza għat-tliet skemi li imħabbra nhar is-Sibt 12 ta' Frar 2022 mill-Malta Arts Council - Health and Safety Standards in Fireworks Factory; Artistic Financing for Feast Associations; Support for Local Band Clubs.

3.8.67 Is-Sur Chircop spjega kif għal dan il-għan, l-uffiċjal tal-Kultura, is-Sa Nikki Demajo Albanese, bagħtet emejl lill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun sbiex din l-informazzjoni tasal għall-attenzjoni ta' l-għaqdiet rispettivi fil-Kunsilli Lokali.

3.8.68 Is-Sur Chircp qal ukoll kif l-għaqdiet biss huma eleġibli sabiex japplikaw. Madanakollu, l-Uffiċjal Kulturali qed toffri l-assistenza tagħha sabiex, flimkien mal-Kunsill Lokali rispettiv, tkun tistà tgħin fl-applikazzjoni.

- *Laqgħat tal-Kunsill Reġjonali*

3.8.69 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun ġie avviċinat sabiex jistaqsi jekk dawn il-laqgħat jistgħux ikunu miftuħa għall-pubbliku.

3.8.70 Is-Sur Chircop spjega kif skond Att tal-Gvern Lokali Kapitolu 363, 44 (1) *"Every meeting of a Local Council and a Regional Council shall be open to the public and it shall be streamed and kept on demand on the internet in an audio visual form on the Local Council's and Regional Council's website."*

3.8.71 Wara li nżammet diskussjoni bejn il-membri preżenti, kien hemm qbil sabiex il-każ partikolari li ġie msemmi jiġi approvat. Madanakollu, min ikun ser jattendi fil-pubbliku m'għandux dritt li jkun madwar il-mejda u m'għandhux dritt li jitkellem waqt il-laqgħa.

- *Rapport tal-Evalwazzjoni ta' Impatti Soċjali*

3.8.72 Il-President informa lill-membri kif dan ir-Reġjun irċieva emejl mingħand l-Assistant Direttur ta' l-iStrateġija u Implimentazzjoni ta' *Policy*, is-Sur Simon Agius, dwar dan ir-rapport li għandu jsir mir-Reġjuni hekk kif hemm imniżżel fl-Att tal-Gvern Lokali Kapitolu 363 (par. 37B(b))

3.8.73 Is-Sur Chircop qal ukoll li s-Sur Agius infurmana kif fil-ġimgħat li ġejjin id-Direttorat se jkun qed jorganizza laqgħa mas-sitt Kunsilli Reġjonali biex jispjega l-proċess u provduta linji gwida. Aġġornament dwar dan jingħata wara li tkun inżammet din il-laqgħa.

- *Caritas Malta Epilepsy Association*

3.8.74 Il-President informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva emejl mingħand din l-Assoċjazzjoni fejn kienu qed jitolbu lill-Kunsilli Kokali sabiex jixgħelu bini jew monumenti bil-kulur vjola mis-Sibt 12 ta' Frar 2022 sat-Tnejn 14 ta' Frar 2022.

3.8.75 Hu spjega kif dan ir-Reġjun ipparteċipa f'din l-inizjattiva billi xegħel il-faċċata ta' l-uffiċju amministrattiv.

## 3.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

3.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

3.9.2 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku ta' l-Iklin, Dott. Dorian Sciberras, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 2A u 2B.

3.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 3.10 Mozzjonijiet

3.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 3.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

3.11.1 Il-laqgħa intemmet fit-20:00 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 9 ta' Marzu 2022.

3.11.2 Kien hemm qbil sabiex l-aġenda għall-laqgħa li jmiss tkun qasira peress li ħafna mill-membri huma mpenjati minħabba l-elezzjoni Ġenerali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 9 ta' Marzu, 2022.

| | |
|---|---|
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |